Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

Data tal-laqgħa: 24 ta' Settembru 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

Il-laqgħa ma xxandrietx *live* fuq l-*internet* u lanqas ġiet rekordjata peress li kien hemm l-apparat bil-ħsara.

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-4.15pm.

## 4.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

4.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 3. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

4.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 4.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

4.3.1 Para 3.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-*istreet lighting* se jagħmel spezzjoni biex ikun jista’ jindika x’dawl jista’ jsir mal-arbli tal-bnadar. Is-Sindku talab biex possibbilment id-dawl ikun installat sa Jum Ħal Balzan.

4.3.2 Para 3.3.2 – *Residential Parking Scheme*
Is-Sindku infurma li ktibna lis-Sur Michael Cohen (TM) peress li l-*email* lis-CEO (Kurt Farrugia) ma waslitlux. S’issa għadna qed nistennew risposta. Se nsibu l-*email* tas-Sur Farrugia biex nibagħtu direttament lilu.

**F’dan il-ħin (4.20pm) daħlet il-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

4.3.3 Para 3.3.3.1 – Problema ta’ ġrieden
Is-SE ressqet għall-attenzjoni l-kwotazzjoni biex jiġu installati kaxxi suwed ta’ kontra l-ġrieden f’diversi toroq. Irċievejna wkoll kwotazzjoni mir-Reġjun Tramuntana li prattikament tammonta l-istess. Għalhekk il-Kunsill qabel li nipproċedu bil-kwotazzjoni tagħna. Ser jiġu installati 28 kaxxa f’parti minn Triq il-Kbira, parti minn Wied Ħal Balzan, Triq l-Imdina, Wesgħa Profs. Ġuże’ Aquilina u Wesgħa Ġiġi Gauci. Manutenzjoni ssir ukoll mill-kumpanija li ser tinstalla l-kaxxi.

4.3.4.1 Para 3.3.4 - Xogħlijiet li qed isiru minn Enemalta plc / WSC
Is-Sindku infurma li din id-darba ktibna lill-Ministru, fejn lill-kuntrattur għall-ewwel darba semmewlu l-multi. Is-Sindku ser ikun qed jerġa’ jikteb biex naraw jekk il-multi ġewx imposti, peress li n-nuqqasijiet baqgħu ma ġewx indirizzati.

**F’dan il-ħin (4.27pm) daħal il-Kunsillier ONDG għal-laqgħa.**

4.3.4.2 Id-data indikata minnhom (10 ta’ Novembru 2024), li hija esaġeratament twila, speċjalment meta ma tarax ħaddiema matul il-ġurnata. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li se niktbu għall-aħħar darba lill-Perit Etienne Spiteri, u jekk ma nirċievux risposta, ma jkunx hemm triq oħra ħlief li ssir Konferenza Stampa.

4.3.5 Para 3.3.5 – Statwa ta’ Santa Marija
Il-Viċi Sindku ser iġib is-suba’ tal-istatwa l-uffiċċju.

4.3.6 Para 3.3.6 – *Broadcast Channel* fuq *Whatsapp*
Is-Sindku infurma li ċ-*Channel* sar u ġie mqassam avviż fir-residenzi kollha biex jiġi reklamat dan is-servizz.

4.3.7 Para 3.4.2 - *Framework Agreement – Public Works*
Is-SE infurmat li qed nistennew il-BOQ mingħand il-Perit biex inkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni biex isir *patching* (*hot asphalt*) ta’ parti minn Triq Santa Marija. Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* lill-Perit.

4.3.8 Para 3.4.4.3 - Reklamar diġitali
Is-SE infurmat li għad trid iġġib kwotazzjonijiet għan-*noticeboard* elettronika (*monitor* ġo kabinett protett mill-elementi). Is-Sindku ser ikun qed jgħaddi d-dettalji biex jinġabru l-kwotazzjonijiet.

4.3.9 Para 3.4.5 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza

Is-Sindku infurma li għadna qed nistennew risposta mill-GO plc dwar it-talba biex it-*telephone box* tibda tiġi amministrata mill-Kunsill. Se niċċekkjaw ma' xi Kunsilli oħra biex naraw lil min kellmu.

4.3.10 Para 3.16.8 - *Un/Loading Bays* f'Wied Ħal Balzan

Is-SE infurmat li għad trid tiċkien l-*un/loading bay* li saret quddiem l-ex-Pro-Kitchen.

## 4.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.4.1 *Forum of Mayors*

Is-Sindku infurma li l-Viċi Sindku ser ikun qed jattendi l-*Forum of Mayors* f'Geneva bejn id-29 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2024, fejn il-Kunsill ser ikun qed iħallas it-titjira, *transfer* mill-ajruport sal-lukanda u lura u l-*per diem allowance*.

4.4.2 *European Week of Regions & Cities*

Is-Sindku infurma l-Kunsillier MLB ser tkun qed tattendi l-European Week of Regions & Cities fi Brussell bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2024. Ir-Reġjun Tramuntana se jiffinanzja t-titkira, it-*transfers* u l-lukanda, u l-Kunsill se jħallas id-differenza fil-*per diem allowance*.

4.4.3 Vjal Kulħadd

Is-Sindku infurma li IM nediet fond biex isiru proġetti ta' mobilità fil-lokalitajiet. Kien hemm qbil li nkellmu lill-Perit biex jindikalna x'jista' jsir bħala *traffic calming measures* fit-toroq residenzjali.

4.4.4 PA/05520/24 – 86, The Willows, Triq San Franġisk

Il-Kunsill iddiskuta u approva li joġġezzjona għall-applikazzjoni PA/05520/24.

4.4.5 Talba biex titneħħa bozza minn ma' faċċata minħabba kostruzzjoni – Triq il-Kannizzata

Is-Sindku infurma li l-iżviluppatur talab li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskuti l-kwistjoni. Il-laqgħa se ssir nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru 2024. Is-Sindku u l-Kunsillier MLB se jattendu l-laqgħa.

4.4.6 Kwistjoni biex terġa' teħel il-bozza fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima

Dwar il-kwistjoni ta' din il-bozza, is-SE infurmat lis-sid issa qed jikkunsidra li terġa' teħel mal-faċċata. Is-SE infurmat li l-avukat tal-Kunsill bagħtlu biex jinfurmah jekk hux se jagħmel il-bozza fuq arblu bil-kuntrattur tiegħu (inkluż l-applikazzjoni mal-Enemalta biex tiġi mqabbda l-bozza) jew inkella mal-faċċata bil-kuntrattur tagħna. Qed nistennew risposta mingħand is-sid.

4.4.7 Laqgħa tas-Sindki dwar il-kwalita tal-arja mill-KL Iklin

Is-Sindku infurma li l-KL Iklin ser jagħmel laqgħa għas-Sindki ta' numru tal-lokalitajiet fl-akwati minħabba l-emmissjonijiet irrilaxxati mill-impjanti b'impatt negattiv fuq l-ambjent. F'din il-laqgħa ser jiġi ffirmat ftehim bejn il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim jiġi ffirmat. Minħabba li ħadd mill-membri ma jista' jattendi, kien hemm qbil li jmur l-eks-Kunsillier Stephen Gatt bħala delegat f'isem il-Kunsill.

## 4.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

4.6.1 *Tender – Supply, Delivery & Installation of CCTV System across the locality of Ħal Balzan* – BLC 02/2024

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 02/2024.

4.6.2 Ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex terġa' toħroġ is-sejħa mill-ġdid peress li l-erba' (4) offerti mitfugħa ma kienux konformi fil-parti teknika.

## 4.7 Skemi Finanzjarji

4.7.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 4.8 Jum Ħal Balzan 2024

4.8.1 <u>Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2024</u>
Il-Kunsill qabel li Fr Noel Borg jingħata rikonoxximent flimkien mal-persuni approvati fil-laqgħa li għaddiet.

4.8.2.1 <u>Programm għal Jum Ħal Balzan</u>
Il-Kunsillier MLB ħarġet mill-kamra, peress li ser jiġi diskuss is-servizz ta' dawl għal waqt l-attività (il-kuntrattur li bagħat kwotazzjoni hu ħuha). Is-Sindku infurma li tlabna kwotazzjonijiet lill-erba' (4) kuntratturi. Il-Kunsill approva l-unika offerta li rċivejna. Il-Kunsillier MLB irritornat lura fil-kamra.

4.8.2.2 Dwar il-kantant, is-Sindku infurma li għadna qed nistennew aktar kwotazzjonijiet għax s'issa għandna biss ta' Kurt Calleja. Kien hemm qbil li jekk nibqgħu ma nirċievu xejn, immexxu bil-kwotazzjoni ta' Kurt Calleja (*4-piece band*).

4.8.2.3 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar l-arranġamenti li qed isiru għall-attività.

## 4.9 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

4.9.1.1 <u>Tiżjien għal żmien il-Milied</u>
Il-Kunsillier MLB reġgħet ħarġet mill-kamra, peress li wieħed mill-kuntratturi li bagħat kwotazzjoni hu ħuha. Is-SE ressqet żewġ (2) kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'diversi toroq f'Ħal Balzan. Is-SE infurmat li b'kollox kitbet lill-erba' (4) kumpaniji imma tnejn (2) biss wieġbu.

4.9.1.2 Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni ta' Noel Borg li tammonta għal €5,840 (VAT inkluż). Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li Triq il-Kbira (bejn Hudson u l-Każin tal-Banda San Gabriel u bejn Triq il-Providenza u l-Każin tal-Banda Marija Annunzjata) ma jkunux armati l-istess. Il-Kunsill qabel li d-dawl ikun mifrux b'mod uniformi, biex iż-żewġ partijiet ikollhom l-istess ammont ta' tiżjin. Il-Kunsillier MLB irritornat lura fil-kamra.

4.9.2 <u>Attività għal żmien il-Milied</u>
Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-attività ssir nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2024 fl-10.30am. Is-Sotto-Kumitat se jiltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex jibdew il-preparamenti.

## 4.10 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

4.10.1 <u>Triq San Franġisk</u>
Il-kwistjoni tal-bankini tal-parti ta' bejn l-ispiżerija u Triq it-Tabib J. Zammit, għadha pendenti. Se ssir laqgħa mal-Perit u l-Avukat tal-Kunsill biex nieħdu parir dwar kif għandna nipproċedu.

4.10.2.1 <u>Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla</u>
Il-Kunsillier AG aġġornat lill-Kunsill fuq il-laqgħa li saret ma' żewġ residenti, rappreżentant tal-Perit tal-Kunsill u s-SE fuq il-proġett. Spjegat li huma ma jaqblu bl-ebda mod ma' dan il-proġett. Il-rappreżentant tal-Perit issuġġerixxa li titwessa ftit ieħor il-bankina mad-dawra kollha. Il-Kunsillier AG issuġġeriet ukoll li jsir xi tip ta' *fence* mad-dawra biex il-klieb ma jidħlux iħammġu fil-ħamrija. Wieħed mir-residenti xorta mhux qed jaqbel għax fl-opinjoni tiegħu, il-vilel taż-żona għandhom diġà il-ġonna tagħhom u m'hemmx bżonn tisbiħ addizzjonali.

4.10.2.2 Is-SE infurmat li flimkien mar-rappreżentant tal-Perit, ser tkun qed tiltaqa' mal-Perit ta' IM biex naraw jekk jistgħux jinkludu dan ix-xogħol mal-affarijiet pendenti li baqa'.

## 4.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

4.11.1 <u>Gabriel Caruana</u>
Fuq il-*mural* li ġie ssuġġerit li jsir fid-daħla ta' fejn hemm il-*bike racks,* is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit.

4.11.2 <u>Konti Bernardo Manduca</u>
Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca li qed jiġi propost li jsir mal-ħajt ta' Villa Macedonia, is-Sindku infurma li qed jistenna li jirċievi d-dettalji tas-sid biex nitolbuh permess.

4.11.3 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>

Dwar il-bust ta’ Mons. Dun Ġwann Dimech għad irid jiġi identifikat post fi Triq l-Imdina.

## 4.12 *European Week of Sports Local Councils’ Initiative*

4.12.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir Kompetizzjoni tal-*Billiard* fil-Każin tal-PL u *Fun Run / Walk.* Dawn ser isiru nhar is-Sibt ta’ Ottubru 2024 mill-4.00pm il’quddiem.

## 4.13 Ilmenti u *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill

4.13.1 Akkumulu ta’ *leave* għas-sena 2025
Is-SE talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta’ reżoluzzjoni sabiex takkumula 60 siegħa mill-*leave* tal-2024 ma’ tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

4.13.2 Kwotazzjonijiet għal kiri ta’ *multifunctional photocopier*
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għal kiri ta’ *multifuctional photocopier* għall-uffiċċju peress li l-ftehim preżenti se jiskadi fil-31 ta’ Ottubru 2024. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta’ Intercomp.

4.13.3 *European Week for Waste Reduction* 2024
Ser tiġi diskussa mill-Kunsilliera fil-ġranet li ġejjin.

4.13.4 Talba għal *zebra cross* fi Vjal De Paule
Resident talab raġuni għalxiex ma ġietx approvata t-talba biex issir *zebra cross.* Il-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew is-siġar mit-triq.

4.13.5 *Claim No.* 02/2024
Qed jintalab kumpens għal spejjeż addizzjonali li kellu jħallas għal kunsinna li kellha tiddaħħal bl-idejn minflok b’*high-up* minħabba ostaklu tal-gallarija bis-siġar. L-avukat tal-Kunsill ta l-parir li m’hemmx bażi għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

4.13.6 Bozza mneħħija minn ma’ faċċata fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet
Is-SE infurmat lill-Kunsill b’bozza li ġiet imneħħija minn ma’ faċċata ta’ sit ta’ kostruzzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-SE qalet li l-iżviluppatur qed jgħid li din tneħħiet minn l-Enemalta plc meta marru jneħħu l-*wires* minn mal-faċċata. Filwaqt li l-Enemalta plc qalu li l-ħaddiema tagħhom ma missewx bozoz. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nieħdu parir legali dwar din il-kwistjoni.

4.13.7 Il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-ilmenti li għad baqa’ peress li kien sar il-ħin għal-Laqgħa tal-Lokalità.

## 4.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

4.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti nru. 09/24, li tinkludi l-ammont ta’ €67.01c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta’ Awwissu 2024.

4.14.2 L-iskeda ta’ pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 4.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

4.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.55pm.

4.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 29 ta’ Ottubru 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 29 ta’ Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Dr Angelo Micallef<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |